A.L. 225 ta' l-1997

ATT TA' L-1991 DWAR L-AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA (ATT NRU. XVII TA' L-1991)

Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Portijiet (Dritt ta' Hlas għal Servizz lill-Passiġġieri) (Emenda Nru. 2)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 52 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, il-Ministru għat-Trasport u Portijiet, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità Marittima ta' Malta u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu ir-Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Portijiet (Dritt ta' Hlas għal Servizz lill-Passiġġieri) (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1994 dwar Portijiet (Dritt ta' Hlas għal Servizz lill-Passiġġieri), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 134 ta' l-1994.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1998.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti principali.

2. Fil-paragrafu (a) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "dritt ta' Lm8" għandhom jidħlu il-kliem "dritt ta' Lm14".